MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 438/2014

**Grace Zarb ID 506154M**

**vs**

**Shaunvic Felice c/o Garage Sinclair u**
**Kenneth Vella**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-Avviz l-Attrici qed titlob minghand il-Konvenuti l-hlas in solidum ta' elf, hames mija, sitta u erbghin Ewro tlieta u disghin centezmi (€1,546.93c) ghal hsara minnha mgarrba rizultat ta' ncident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Marzu 2014 fi Triq il-Kanun, S. Venera. Filwaqt li l-Intimat Shaunvic Felice kien isuq vettura nru CAG 388 din dahlet fil-faccata tad-dar imsemmija. L-Intimat Kenneth Vella hu responsabbli ghax ippermetta lill-Intimat l-iehor isuq dik il-vettura meta kien jaf li ma kellux licenza tas-sewqan u peress li naqas li jirregistra t-trasferiment tal-vettura mesmmija lill-Intimat Felice kif jitlob l-art 26 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'RISPOSTA Kenneth Vella qal hekk:-

1. Irritwalita’ tal-proceduri ghax incident awtomobilistiku normalment jinstema quddiem Arbitragg.
2. L-Incident ma sehhx tort tal-Intimat Felice.
3. L-Intimat Vella jichad responsabilta’ ghax qatt ma ppermetta lil Felice biex isuq il-vettura msemmija u t-trasferiment formali taghha kien ghadu ma sehhx avvolja kienet intbaghad minnu lil Felice.
4. L-Intimat Vella ghandu jigi liberat, bla ma jbati spejjes.

**Ra** li b’degriet tat-23 ta’ Settembru 2014 it-TRIBUNAL laqa t-talba ta’ Montaldo Insurance Agency Limited ghas-socjeta’ AIG Europe Limited (C1052) ghall-*intervent* fil-kawza – *fol* 15.

**Ra** wkoll li fl-udjenza tas-17 ta’ Frar 2015 il-partijiet qablu li l-eccezzjoni preliminari dwar il-gurisdizzjoni ta’ dana t-TRIBUNAL ghandha tifforma parti mis-sentenza finali. B’RISPOSTA s-Socjeta’ Assikuratrici qalet:-

(1) Shaunvic Felice qatt ma kien assikurat maghhom.
(2) It-TRIBUNAL ghandu jiddikjara li kull sentenza kundannatorja kontra Felica ma tkunx esegwibbli kontra s-Socjeta’ Assikuratrici.
(3) It-Talba Attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

L-Attrici accettat, bla pregudizzju, li s-Socjeta’ Assikuratrici tivverifika l-hsara lamentata.

**Ra** li, b’degriet tat-22/4/2015 il-fond tal-Protezzjoni u Kumpens u tal-Motor Insurance Bureau gie, fuq talba tieghu, ammess *in statu et terminis*.

B’RISPOSTA (*fol* 97) qal:-

(1) Dwar responsabilta’ tal-Konvenuti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tat-Tribunal.
(2) Dwar it-Talba ta’ Montaldo Agency Ltd noe rigwardanti l-inforzabilita’ ta’ xi decizjoni kontriha din mhiex proponibbli f’din l-istanza.
(3) Minkejja kollox Montaldo Insurance Agency Ltd noe trid taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-Attrici.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li izda jitqiesu flimkien ma kulma tressaq quddiem it-TRIBUNAL inkluzi dokumenti u li jinsab fil-process.

2. **<u>Grace Zarb</u>**, Attrici, qalet li nzertat harset barra mit-tieqa ta’ darhom u rat li l-vettura li kienet ghaddejja kienet dahlet fuq il-car Opel nru FBL 245 ta’ binha Ryan li kienet parkjata barra darhom u spiccat imbuttata mal-hajt tad-dar. Kellmet lix-xufier qabel cemplu lill-Pulizija izda mbaghad gheb. Qalulha li dan kien Shaun Felice. Eventwalment gie Kenneth Vella (rintraccjat mill-

Pulizija) li beda jghajjat "ghidtlu biex ma jsuqhiex". Esibiet bhala Dok GZ1 sa 9, stima u ritratti tal-hsara.

3. **Malcolm Zarb** qal li kienet ommu Grace li meta kien rieqed ma huh Ryan, xi s-2am marret tqajjimhom ommhom u qaltilhom bl-incident. Fis-sustanza xehed bhal ommu u kkonferma r-ritratti minnha esebiti. Hu gharaf lill-Konvenut Felice ghax kien jafu. Kien wara li "steering wheel".

4. **Ryan Zarb** qal li hu sid l-Opel. Kien mar fuq il-post Kenneth Vella li ma kienx dak li kien wara li "steering wheel" tal-car li dahlet fuq l-Opel u li hu kien ra. Dwar hsara huma gabu stima wahda.

5. **PC 163 Robert Azzopardi** ikkonferma l-kopja tar-rapport minnu redatt u li tinsab *a fol* 2 (flimkien mal-AVVIZ tat-TALBA). Hu mar fuq il-post. Sab il-car l-ohra nvoluta, CAG 383 f'nofs it-triq bla hadd fiha. Irrizultalu li din kienet registrata f'isem il-Konvenut Vella li qallu li kien bieghha lill-Konvenut Felice. Meta eventwalment kellem lil dan, qallu li kien hareg u halla l-karozza wara l-bieb u l-ghada kienet qaltlu ommu bl-akkadut. Qal li l-car kienet tistartja bla cavetta permezz ta' xi wires. Hu ma vverifikax ghax ma jifhimx. Jaf li ttiehdu proceduri kriminali kontra Felice (ara r-Rapport tal-Pulizija *a fol* 2 sa 9 li hu dettaljat hafna). Mal-Pulizija cahad li meta sar l-incident kien isuqha hu.

6. **Stephen Vella** ghal Transport Malta qal li l-vettura CAG 383 fl-1/3/2014kienet registratata fuq Kenneth Vella KI 599883M u kien ilha hekk mit-8/10/2013 (Dok SC *a fol* 37). Dwar **Shaunvic Felice** KI 12990M, dan m'ghandu ebda kategorija ta' licenza.

7. **David Debono,** Claims Manager ma Montaldo Insurance Agency Ltd qal li l-Opel kienet assikurata maghhom. Sar jaf bil-bejgh tal-vettura ta' Vella lil Felice wara l-incident "de quo". Mill-"Conviction Sheet" ta' Felice jiririzultalhomx li f'Lulju 2011 dan kien nvolut f'incident iehor u l-Pulizija hadu passi ghax ma kellux licenza tas-sewqan.

8. Il-**Konvenut Kenneth Vella** qal li bl-incident kienu gharrfuh il-Pulizija fis-2am u qalilhom li xi xahar qabel kien biegh il-vettura lil Felice. Ma kellux flus u kien sejjer il-habs u l-polza kienet "over 25" u qallu biex il-vettura ma jsuqhiex u jdawwar il-polza meta johrog mill-habs.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL l-ewwel ma jqis hu li hawn ghandna "money claim" dwar hsara kagunata minn vettura li dahlet fuq car parkjata u din spiccat go faccata ta' dar u kkagunat hsara. Fil-fatt ma giex kontestat li dan kollu sar wara habta bejn vetturi fit-triq *sic et simpliciter*. Dik il-vettura parkjata setghet kienet oggett

kwalunkwe fit-triq li ntlaqat u spicca mal-faccata ta' dar. It-TRIBUNAL ihoss li jkun qed ifarfar mir-responsabilta' jekk jghid li mhiex kompetenza tieghu li jisma dal-kaz. Hawn trid titqies l-ekwita' wkoll.

2. Dwar il-pozizzjoni tal-Intervenuti fil-kawza dawn jiddahhlu ghax jistghu jitfghu dawl fuq il-mertu tal-kawza izda b'ebda mod la jistghu jigu kundannati u anqas mehlusa. X'jigri mis-sentenza ta' dina l-Qorti fil-konfront taghhom ma jmissx li jigi deciz minn dan it-TRIBUNAL.

3. Dwar il-mertu tat-talba bhala "money claim" it-TRIBUNAL hu sodisfatt li fl-incident l-Opel involuta kien isuqha il-Konvenut Shaunvic Felice. Il-Konvenut l-iehor, Vella, is-sid registrat tal-Opel mal-Pulizija, halla l-vettura f'idejn Felice meta dan kien ghadu ma lestiex il-procedura tat-trasferiment tal-vettura u, kien jaf li l-ewwel dan kellu jmur jiskonta sentenza ta' habs u wara jsir it-trasferiment. Vella kellu d-**<u>dmir car</u>** li jara li l-Opel ma tinsaqx jekk ma tkunx giet osservata l-ligi dwar trasferiment u dwar assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni. Ghalhekk iz-zewg Konvenuti huma responsabbli *in solidum* bejniethom. Dwar *quantum* ta' danni, it-TRIBUNAL hu soddisfatt li dak mitlub hu tassew u korrettament dovut. Ma ngieb xejn li jindebbolixxi l-provi attrici fir-rigward.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **<u>jiddeciedi</u>** (1) billi **<u>jichad</u>** l-eccezzjoni ta' Kenneth Vella dwar l-irritwalita' tal-process (2) **<u>jichad</u>** l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta' Kenneth Vella (3) **<u>jilqa</u>** t-Talba Attrici u **<u>jikkundanna</u>** lill-Konvenuti Shaunvic Felice u Kenneth Vella biex ihallsu, *in solidum* bejnithom lill-Attrici, in linea ta' danni is-somma ta' elf, hames mija, sitta u erbghin Ewro tlieta u disghin centezmi (€1,546.93c) u dana bl-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **<u>jukkundannhom</u>** ukoll ihallsu l-ispejjes tal-kawza u (5) fir-rigward tal-Intervenuti fil-Kawza **<u>jiddeciedi</u>** billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' dak li talbu. Dana bla pregudizzju ghal kull dritt talvolta spettanti lilhom jew lill-Attrici jew lill-Konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------